

OFM-LINK

# OFM-LINK


ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - MALTA
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 174 JAN 12




## Is-Santwarju ta' S. Damjan, Assisi

**il-post fejn għall-42 sena għexet S. Klara, 32 sena ta' Badessa u 28 sena b' marda qalila li sofriet b' rassenjazzjoni u ferħ**

**" Il-Mulej iberikkom u jħariskom.
Jurikom wiċċu, u jkollu ħniena minnkom.
Idawwar ħarstu lejkom, u jagħtikom is-sliem. (cfr. Num 6, 24-26)
Sliem għalikom, ħuti u uliedi, u 'l dawk kollha li jiġu warajkom, u li għad jgħixu f' din il-komunita'; sliem lill-oħrajn kollha li fl-Ordni kollu jibqgħu jħarsu sa l-aħħar il-faqar imqaddes. ……
Il-Mulej ikun magħkom dejjem,
u jagħmel li issa intom ukoll tkunu dejjem miegħu. Ammen**

**Barka ta' S. Klara t' Assisi** {FSK 162-167}

Il-mawra tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa f' artna ara p. 10

# Is-Santwarju ta' S. Damjan

Żgur li wieħed mill-postijiet f' Assisi li għandu rabta kbira ma' S. Klara t' Assisi huwa s-santwarju ta' S. Damjan. Dan mhux biss għaliex waqt li S. Franġisk, wara li kellmu l-Kurċifiss li kien jinsab hemm, beda jsewwi din il-knisja u jgħid: " Ejjew u għinuni fil-ħidma tal-knisja ta' S. Damiano, li fil-ġejjieni se tkun monasteru ta' sinjuri nisa, li bil-fama u l-ħajja tagħhom fil-knisja universali se jiġi igglorifikat il-Missier tagħna tas-sema" ( L3C 7 {FSF 560} ) imma għaliex, fuq kollox, Klara għexet f' dan il-post 'l fuq minn 42 sena jiġifieri sakemm mietet. Għalhekk issa se nagħtu ħarsa ħafifa lejn dak kollu li f' dan is-santwarju jfakkarna f' S. Klara.



Malli tasal viċin il-knisja, mall-ewwel tara statwa ta' Klara bl-ostensorju, li saret fl-1912 mir-ruman Cesare Aureli. Fil-pjazza hemm niċċa li fiha hemm pitttura li turi l-*Madonna col Bambino tra S. Chiara e S. Francesco, che presenta un devoto*. Hawn tista' tagħti ħarsa lejn il-faċċata sempliċi tal-knisja, li fiha tieqa tonda mhux fin-nofs. Trid tidħol fil-knisja mill-ġenb u hemm ssib ruħek fil-kappella ta' S. Girolmu. Tiberio d' Assisi hawnhekk ħallielna pittura bil-*Madonna col Bambino con i ss. Bernardino, Girolamo, Francesco e Chiara*.



L-intern tal-knisja jippreżenta navata bil-volta oġivali ( ġejja għall-ponta). Fuq l-ark ta' fuq l-altar, hemm imdendla kopja tal-Kurċifiss oriġinali ta' S. Damjan, li l-Klarissi ħaduh magħhom meta marru joqgħodu fil-monasteru tagħhom ġewwa Assisi ħdejn il-Bażilika ta' S. Klara. Wara l-abside wieħed jsta' jara t-tieqa li minnha kienu jitqarbnu l-Klarissi u minn fejn raw il-ġisem mejjet ta' Franġisku. Il-grata oriġinali hi mħarsa bħala relikwija fil-Bażilika tal-qaddisa. Fuqnett tal-altar dan l-aħħar nstabu affreski *cinquecenteschi* li juru xi ġrajjiet ta' ħajjet Klara.



Issa se ngħaddu għall-postijiet fejn Klara u sħabha kienu jgħexu. L-ewwel ma għadna s-*sepolcreto*. Hawn ndifnu l-ewwel Klarissi, fosthom Agneże u Ortolona, oħt u omm Klara. Fl-1257 ġew meħuda fil-monasteru ta' S. Klara. Imbgħad ngħaddu għall-*coretto,* fejn l-ewwel Klarissi kienu jitolbu. Huwa kor tal-injam b' mod sempliċi ħafna u juri l-qalba tal-ħajja klawstrali ta' dawn is-sorijiet. Fuq leġiju hemm pergamena, li fiha hemm imnizzlin l-ismijiet ta' 50 klarissa, skond kif jingħad fid-dokument notarili tat-8 ta' Ġunju 1238.



Minn hawn titla t-taraġ għall-parti ta' fuq, fejn minn bieb ċkejken tiġi f' terrazin u hemm tista' tara *il giardinetto di S. Chiara*. F' dan il-post Klara kienet tħawwel xi fjuri, filwaqt li tkun tista' tara fil-bogħod il-Porziuncola u fejn Franġisku kiteb il-Kantiku tal-Kreaturi. Kif tasal fuq, tidħol fl-*Oratorio*, fejn Klara kienet tinżel titlob meta kienet marida sew. Hawn insibu affreski tas-seklu XV bħal: Klara titlob flimkien mas-sorijiet u Klara u Franġisku bejn il-Madonna u l-Bambin.



Wasalna fid-*dormitorio,* fejn kienu jorqdu l-ewwel Klarissi fl-akbar fqar. Fir-ritratt jidher il-post fejn Klara mietet fil-11 t' Awwissu 1253, li seħħet 27 sena wara dik ta' Fran ġisku. F' dan il-post hemm pannell tal-bronż bl-*Approvazione della Regola*, magħmul fl-1920, kif ukoll ikona ta' S. Klara.



Mid-*dormitorio* tinżel it-taraġ għall-kjostru ċkejken tas-seklu XVI, fejn sar l-ewwel parti tal-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Klara. Mill-kjostru tista' tara r-*Refettorio* - il-post fejn kienu jieklu l-ewwel Klarissi bl-imwejjed fqajrin. Fih hemm xi affreski *secenteschi* - *Crocifissione con S. Francesco in adorazione* u *S. Chiara benedice i pani alla presenza del Papa Gregorio IX* magħmula mill-allievi ta' Sermei fl-1619. Fuq il-post fejn Klara kienet tiekol, ta' kuljum jitpoġġa bukett fjuri. Fil-kjostru intern hemm ukoll *il Pozzo di S. Chiara.*

Il-Klarissi baqgħu hawn sakemm inbena l-Protomonasteru tagħhom f' Assisi, wara li huma ċedewh lill-kapitlu tal-Kattidral, hekk kif dawn minn naħa tagħhom tawhom il-knisja ta' S. Gorg, li wara li tkabbret, saret il-Bażilika ta' S. Klara.

Hekk tajna daqqa t' għajn lejn dan il-post qaddis, li sa mill-1983 reġa ġie f' idejn il-patrijiet tagħna. Bħalissa qed iservi ta' Novizzjat, kemm għan-novizzi tal-Provinċja Serafika, kif ukoll għan-novizzi tal-Provinċja tagħna.

Ta' min jinnota li f' dan is-santwarju jsiru tlett funzjonijiet partikulari :

***Festa del voto*** - 22 ta' Ġunju. Hawnhekk jintemm il-korteo li filgħaxija jitlaq mill-Kattidral ta' S. Rufino, biex ifakkar fil-ħelsien t' Assisi miż-żewġ attakki li saru kontra tagħha u li kull darba bit-talb ta' S. Klara l-għedewwa ħarbu. Ara Ħarġa Numru 168 p.10.

Lejliet il-festa ta' S. Klara, fil-pjazza ta' quddiem dan is-santwarju, jsir vejla ta' talb biex titfakar il-mewt tal-Qaddisa.



Fit-3 t' Ottubru filgħaxija ssir vejla ta' talb, fil-pjazza ta' quddiem dan is-santwarju, li tissejjaħ il-***Pianto delle povere dame*** - tifkira ta' meta S. Klara u sħ abha s-sorijiet raw għall-aħħar darba l-ġisem mejjet ta' S. Franġisk.

Ma' dan inridu nżiedu d-devozzjoni li hemm lejn il-Kurċifiss tal-injam ta' Frate Innocenzo da Palermo li sar fl-1637. L-istess patri ħadem wieħed għall-Kattidral tal-Imdina.



**Waqt il-funzjoni tal-*Pianto delle povere dame***

# It-tfulija ta' Klara




Ilum f' Assisi nsibu żewġ postijiet fejn jistgħu jfakkruna fit-tfulija ta' S. Klara. L-ewwel post jinsab eżattament fil-pjazza tal-Kattidral ta' S. Rufino. Hemmhekk fuq in-naħa tax-xellug taz-zuntier kien hemm il-palazz/kastell ta' Favarone di Offreduccio u ta' Ortolona, il-ġenituri nobbli ta' S. Klara u ħutha. Lapida tal-irħam turi lil kull pellegrin li, 'f' dan il-post kien hemm id-dar li fiha twieldet u għexet iż-żgħożija tagħha S. Klara'. Kif tidħol issib oratorju żgħir fejn, fuq artal hemm skultura li turi lil Klara qegħda għarkupptejha b'id waħda fuq sidirha u l-oħra miftuħa - pożizzjoni ta' talb. Meta wieħed ikun f' dan il-post jista' jimmagina xi ftit il-ħajja li għexet Klara f' dan il-post tant żmien ilu. Ħajja aristokratika li kienet tħalliha kważi toħroġ biss sal-knisja. Minħabba l-inkwiet li inqala bejn il-*Minores* u l-*Maoires*, il-familja ta' Klara kellha taħ-rab lejn Perugia, meta Klara kellha madwar 7 snin. Dan ġara wkoll għax il-palazz tagħha ġie meqrud ukoll. Fl-1203 meta sar it-trattat ta' paċi, il-familja ta' Klara reġgħet lura. Il-kitbiet tagħha juru xi tip ta' edukazzjoni hija ħadet.



Dwar iż-żgħożija tagħha nistgħu ngħidu li Tumas minn Celano jgħidilna li Klara 'kienet tfalja doċli f' qalbha', 'tiftaħ idejha bil-qalb mal-fqar', 'kienet iċċaħħad lil ġisimha ċkejken minn ikel delikat u tibgħatu bil-moħbi permezz ta' oħ-rajn', 'kienet tilbes bil-moħbi ċ-ċilizzju' u 't-talb kien l-hena tagħha' (LegCl3 {FSK 603}). Ħafna mix-xhieda li tkellmu fil-proċess tal-kanonizzazzjoni tagħha jikkonfermaw dan kollu, fosthom oħtha Beatrice, Paċifika u Bona ta' Guelfuccio, Benvenuta da Perugia, Filippa de Messere Leonardo de Gislerio - il-ħbieb tagħha u Giovanni di Ventura, is-seftur tal-familja tagħha.



Post ieħor li jfakkarna fit-tfulija ta' S. Klara, huwa l-istess kattidral ta' S. Rufino - l-ewwel isqof martri t' Assisi. Dan il-kattidral beda jinbena fl-1140 mill-arkitett Giovanni da Gubbio. Il-bini tiegħu sar bil-mod ħafna, tant li meta Franġisku (1181/82) u Klara (1193/94) ġew mgħammda, kien għadu mhux lest. Meta fl-1210 sar il-patt bejn il-*Maoires* u l-*Minores* t' Assisi, ingħatat l-ordni li għandu jitkompla x-xogħol – *opus nove ecclesie Sancti Rufini vadat in antea*. Fil-fatt tlesta fl-1254 meta ġie kkonsagrat mill-Papa Innoċenz IV. Hawnhekk fi tmiem in-navata tal-lemin, taħt pittura li turi l-magħmudija ta' Franġisku, insibu l-fonti tal-magħmudija li ntuża għall-magħmudija ta' Franġisku, Klara, Agnese, l-imperatur Federiku II u S. Gabrjel Addolorata.

---

## 60 anniversarju

Is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu din is-sena qed jfakkru s-60 anniversarju tal-mewt tal-fundatriċi tagħhom, is-Serva t' Alla Madre Margherita De Brincat. Hija mietet nhar it-22 ta' Jannar 1952 fl-eta ta' 89 sena. Minn din il-paġna filwaqt li nittamaw li, fil-qrib, ikollna l-aħbar li din oħtna għad narawha ddikjaratha beata bil-ħidma tal-Postulazzjoni tal-Ordni tagħna u ta' P. Ġorġ Aquilina, nirringrazzjaw lil Alla tal-ħajja u tal-ħidma siewija tagħha li baqgħet titkompla minn wliedha s-sorijiet. Jalla aktar xebbiet jagħrfu s-sejħa li jingħaqdu ma' din il-kongregazzjoni.

**" Ħobbu l-Imħabba"**




# Is-Sorijiet Klarissi Konċezzjonisti

Fis-17 ta' Settembru 1511 il-Papa Gulju II, bil-bulla *Ad statum prosperum* approva r-regola u l-ewwel kostituzzjonijiet tas-Sorijiet Konċezzjonisti, miktubin minn Francisco de los Angelos Quinones O.F.M. (li wara sar Ministru General 1523–1526 u Kardinal). Dan l-Ordni twaqqaf minn S. Beatrice de Sylva Menes f' Toledo, meta r-Regina Isabella ta' Kastilja tatha bini biex mionfloku tibni monasterju għas-sorijiet tagħha u l-Papa Innoċenz VIII ta l-permess bil-bulla *Inter universa* fit-30 t' April 1949. Beatrice twieldet f' Ceuta (Marokk) minn ġenituri portuġiżi fl-1424. Huha kien B. Amedeo de Silva O.F.M. Għamlet xi żmien tgħex fil-palazz tar-reġina Isabella d' Aviz tal-Portugall, imma batiet ħafna mħabba l-għira ta' madwarha. Fl-1454 rnexxielha taħrab lejn Toledo fi Spanja. Jingħad li fit-triq dehrulha S. Franġisk MIssierna u S. Antnin. Għal kważi 30 sena għexet mas-Sorijiet Ċisterċensi ta' S. Duminku.

Wara l-mewt tagħha, li grat nhar l-1 ta' Settembru 1490, l-arċisqof franġiskan Francisco Jimenez de Cisneros, bi ftehim mas-sorijiet talab lill-Papa Alessandru VI biex jagħtihom li jħarsu r-regola ta' S. Klara u jwaqqfu monasteri oħra. Huma qagħdu taħt il-ġurisdizzjoni tagħna (O.F.M). Wara l-1511, ir-regola l-ġdida tathom li jkollhom ukoll il-vot tal-klawsura stretta, faqar fl-ilbies imma seta' jkollhom il-beni bħala komunita' u dixxiplina u sawm anqas minn dawk tal-Klarissi. Il-Papa Pawlu VI iddikjarha qaddisa nhar it-3 t' Ottubru 1976. Il-festa tagħha tiġl ċċelebrata nhar is-17 t' Awissu

Illum huma jinsabu mxerrdin fl-Ewropa ( Spanja, Portugall, Belġju) u fl-Amerika ( Bolivia, Brażil, Kolumbja, Ekwador, Guinea Ekwatorjali, Messiku u Peru). Huma għandhom 150 dar u mall-1.870 membru. Il-mistika Marija de Agreda (1602-1665) kienet membru f' dan l-Ordni.

---

# L-eku tal-laqgħa tat-talb f' Assisi

Fil-laqgħa ta' talb li saret fil-belt t' Assisi nhar is-27 t' Ottubru li għadda, bosta kelliema tkellmu, kif kien xieraq ukoll, dwar S. Franġisk. Se nġieb siliet minn dawn id-diskorsi, fejn jitkellmu direttament fuq S. Franġisk.

Il-**Papa Benedittu XVI**, fil-*Piazza S. Francesco*, wara nofsinhar, qal hekk :
" ….. We especially thank those who hosted us: ……. and the sons of St. Francis, who guard the precious spiritual legacy of the *Poverello* of Assisi. ………..From my heart I thank all of you here present for having accepted my invitation to come to Assisi as pilgrims of truth and peace and I greet each one of you in Saint Francis' own words: May the Lord grant you peace - *Il Signore ti dia pace*'"

Il-**Kardinal Peter Kodwo Appiah Turskon**, President tal-Kunsill Pontifiċju Gustizzja u Paċi, fid-diskors ta' merħba, li sar fil-Bażilika ta' S. Marija tal-Anġli, filgħodu qal :
" ……….. The strong resource competition among peoples in a climate-constrained environment threatens to dissolve the fabric of human society and devastate the very

order of creation which Francis of Assisi praised in his Canticle of the Sun. The beautiful song bespeaks an awakening to the universe to be seen, not only as a collection of things to be worked and consumed, but also as a “community of life”, to be entered into profoundly, humbly and creatively.

…… We are torn apart by intolerance, hostility and violence so totally contradictory to the vision of the *Poverello* of Assisi, whose example inspires us to regard one another with respect, yes love, regardless of origin and creed. ……….”

Fl-istess post, ir-**Rev. Olav Fyske Tveit**, ( Teologu Luteran Norvegiz), Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Mondjali tal-Knejjes, qal:
“…………...St. Francis offers us inspiration for how faith in God, open dialogue and genuine encounter can lead to significant contributions to a just peace. The world needs pacemakers of faith. The faith communities - like the 349 member churches of the World Council of Churches - need the young ‘Change Makers’ of the world. Francis was a young man when he surrendered his life to God. His passion for the goodness of creation and example of radical daring for peace show the significance of faith and the courage of young people. What Francis accomplished as a young man in his twenties is a salutary reminder to us of the important role that young people need to and can play both in the faith communities and in wider society. Without this, we would not be here today. ……

In the course of a war being fought which had Jerusalem as its ultimate prize, Francis came to share experiences of faith with the Sultan of Egypt. As many crusaders, he came to convert the other. He became changed, converted, himself. We are here to let the conversion of Francis speak to us and to let the conversation between us become a source for justice and peace. …….

Let us together follow the example of St. Francis and others, young and old, women and men, to muster the courage to make just peace. …...”




## Fl-Art Imqaddsa magħna l-Franġiskani 2012

**5 - 13 ta’ Frar** **9 - 19 April (u l-Ġordan)** **20 - 28 ta’ Mejju**

**15 - 23 ta’ Lulju flimkien mal-Arċisqof Mons. P. Cremona O.P.**

**Ċempel lil P. Twanny Chircop O.F.M., Kummissarju tal-Art Imqaddsa**
**Tel. 21242254 E-mail: comalt@ofm.org.mt / www.ofm.org.mt**

# Ftit kurżitajiet dwar il-laqgħa ta' talb li saret f' Assisi nhar is-27 t' Ottubru 2011

+ Nhar is-26 saret ċelebrazzjoni tal-Kelma t' Alla (li ħadet post l-udjenza ġenerali), bħala preparazzjoni għall-laqgħa tas-27, ġewwa s-*Sala Paolo VI* u mhux f' Pjazza S. Pietru minħ abba x-xita. Infatti n-nies li attendew għaliha kellhom jitqassmu bejn din is-Sala u l-Bażilika ta' S. Pietru.




+ It-tren, li fuqha vjaġġaw l-Papa u l-kapijiet tad-delegazzjonijiet ta' kull reliġjon u mhux, kienet tat-tip ETR 600 *Frecciargento*. Kellha 430 post u 7 *carrozze* u kienet twila 187m. Il-Papa kien fit-tieni *carrozza*. Fuqha kien hemm 7 *stewards* tal-*Ferrovie dello Stato Italiano*. Hekk kif telgħu fuqha lkoll ġew mogħtija biljett tal-fidda bħala tifkira, kif ukoll kopja ta' l-*Osservatore Romano* ta' dak il-jum. It-tren telaq mill-istazzjoni tal-ferrovija li hemm fl-Istat tal-Vatikan u ġie migbud għal qrib stazzjon ieħor ġewwa Ruma, li jismu *S. Pietro.* Dan ġara peress li fil-parti tal-Vatikan mhemmx is-sistema elettrika tal-ferrovija. Sadanitant infetaħ bieb kbir tal-ħadid, li jifred iż-żewġ stati. F' xi ħin vuċi, minn fuq l-*loudspeaker* tat-tren, instemgħet tgħid li, filwaqt li tagħti merħba lil kulhadd, dawk li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-ferrovji dak il-ħin, kienu qegħdin jitolbu skond l-intenzjoni tal-Papa. Matul il-vjaġġ il-passiġġieri setgħu jaraw, fuq *screens,* il-vjaġġi li kienu għamlu l-Papiet : B. Ġwanni XXIII u B. Gwanni Pawlu II, meta żaru Assisi, wieħed fl-4 t'Ottubru 1962 ( biex jitlob għall-Konċilju Vatikan II, li kien jinkludi wkoll vjaġġ għal Loreto) u l-ieħor fl-24 ta' Jannar 2002 (għall-laqgħa ta' talb interreligjuż). It-tren mexa bil-mod fl-istazzjonijiet tal-ferrovija ta' Terni, Spoleto u Foligno biex b' hekk in-nies setgħet ittihom merħba. Bħala mezzi ta' trasport f' Assisi ntużaw *minibuses* bojod.

+ Kemm quddiem il-kappella ċkejkna tal-Porzjunkola, kif ukoll f' *Piazza S. Francesco* intramaw żewġ *palks* kbar (305 mq), biex fuqhom joqgħodu l-kapijiet tad-delegazzjonijiet. Il-Papa qgħad eżatt fin-nofs tal-filliera li kien hemm fil-faċċata. Fuq il-palk ta' quddiem il-Porzjunkola, kien hemm arranġament ta' fjuri sofor u bojod flimkien ma' żewġ *monitors*.

+ 1200 persuna qagħdu fil-Bażilika ta' S. Maria tal-Anġli, filwaqt li f' *Piazza S. Francesco* kien hemm mal-2000 persuna. Il-patrijiet franġiskani qagħdu mal-ġnub tal-Porzjunkola. Kien hemm mal-50 pajjiż rappreżentant.

+ Kien hemm mal-500 ġurnalist, li jappreżentaw il-bosta mezzi ta' komunikazzjonijiet, 3 *sale stampe* u 2 ċentri radiotelvisivi. Biex il-poplu seta' jsewgi din il-ġrajja kien hemm 10 *mega schermi*. Intużaw mat-3 kilometri ta' *transenne* għas-sigurta tan-nies.

+ L-għada l-Papa laqgħhom mill-ġdid fis-*Sala Clementina* tal-Vatikan fejn għamel diskors qasir u wara kellhom ikla flimkien.





**INDIRIZZ TA' MERĦBA LILL-EĊĊ. TIEGĦU MONS MARIO GRECH, ISQOF T'GĦAWDEX FL-OKKAŻJONI TAŻ-ŻJARA TIEGĦU F'ADELAIDE ( L-EWWEL PARTI)**

*Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Lockleys, 25.10.2011*

Eccellenza Reverendissima Mons. Mario Grech
Għeżież ħuti fis-saċerdozju,
Onor. Konslu Onorarju għal Malta u s-Sinjura tiegħu, Frank u Josie Scicluna,
Għeżież ħbieb u ħuti Maltin u Ghawdxin.

Qrajt u smajt bil-mod kif laqgħuk f' Melbourne u Sydney, u kemm okkażjonijiet kellhom ħutna l-Maltin u l-Għawdxin li jiltaqgħu miegħek. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina lkoll hawn miġbura l-lejla u nħossuna wisq onorati u pprivileġġjati, li l-Eċċellenza Reverendissima Tiegħek għoġbok tagħmel din iż-żjara hawn fis-*South Australia* lill-komunità Maltija, li għalkemm ma tantx hija kbira fin-numru, però hija kbira fil-qalb u fl-entużjażmu. Jiddispjaċina li ma kellniex aktar ħin għad-dispożizzjoni tagħna, għax konna għalmenu nwassluk sa fuq il-post, fejn l-ewwel qaddisa Awstraljana, Mary McKillop bdiet il-missjoni tagħha f'Penola. L-istess pero minn qalbi nirringrazzjawk li għoġbok u rnexxielek tislet ġurnata miż-żjara tant impenjattiva tiegħek hawn fl-Awstralja u ġejt iżżur lil din il-merħla afdata f'idejja. Impenn li wettquh ħuti l-Franġiskani matul dawn l-aħħar tlieta u sittin sena.

Iż-żjara tiegħek hawn fostna li hija ndirizzata għall-emigranti Maltin kollha fl-Awstralja u b'mod speċjali għal dawk mill-gżira mitoloġika, pittoreska u nadifa t'Għawdex, li jiddispjaċini ngħid, li bħala Għawdxin hawn fis-*South Australia* tgħoddhom fuq il-pala t' idejk, mhux bħalma għandek f' Melbourne, Sydney u Queensland. Din iż-żjara tiegħek fostna għandha l-iskop li, filwaqt li tiltaqa' mal-Maltin mxerrdin f'dan il-kontinent gżira Awstraljan, tagħti ġieħ lil dawk is-saċerdoti li, fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra, bħala ragħajja spiritwali, tferrxu f'għadd ta' pajjiżi, kull fejn ħutna l-Maltin emigraw minn art twelidhom, ifittxu ħajja u ġejjieni aħjar għalihom u għal uliedhom.

Ippermettili nagħti lilek u lil dawk li ġew miegħek xi tagħrif dwar kif bdiet l-istorja tal-preżenza tas-saċerdoti Maltin hawn fis-*South Australia*. Il-Patrijiet Franġiskani Maltin kienu minn dawk ta' quddiem li, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, għas-sejħa ta' l-Isqfijiet Maltin u dawk l-isqfijiet, li laqgħu l-emigranti, li offrew s-servizzi tagħhom bħala kappillani fost dawn ħutna. Ħuti l-Patrijiet Franġiskani kienu minn tal-ewwel li offrew is-servizzi tagħhom f'Toronto fil-Kanada, fis-*slums* ta' New York, f' California, f'Londra, fid-*Docks* ta' Wales, f'Lixandra l-Eġittu, f' Benghażi u Tripli fil-Libja u hawn fl-Awstralja f' Adelaide fil-persuna ta' P. Eġidju Ferriggi O.F.M.

Dan P. Eġidju, flimkien ma' mitt emigrant Malti, telaq minn Malta fuq il-vapur tal-passiġġieri "*Asturias*" fit-23 t'April 1948 u rifes Adelaide fl-20 ta' Mejju. Id-destinazzjoni ta' ħuna P. Eġidju Ferriggi pero' kienet Queensland, fejn kellu jagħti s-servizz tiegħu fost il-ħafna Maltin li stabilixxew ruħhom f'Mackay u l-inħawi ta' madwar u li ħafna minnhom kienu jaħdmu fil-kannamieli, fejn mill-ewwel baqa' sejjer jakkampunja xi emigranti li ġie magħhom. Imma, peress li meta wasal f'din l-art mogħnija b'tant ġid u opportunitajiet, għadda minn Adelaide u laħaq tkellem mal-Arċisqof Matthew Boevich, li ra b'għajnejh il-bżonn tas-saċerdot Malti hawn fis-S.A., l-Arċisqof Beovich offrielu kundizzjonijiet ferm aħjar minn dawk ta' Mackay, u għalhekk għażel li jiġi lura Adelaide; wasal hawn fis-6 ta' Lulju ta' l-istess sena 1948.

L-isqof offrielu li joqgħod fid-dar tiegħu f'Adelaide u wara ftit għenu biex akkwista dar u biċċa art f'dan il-lokal minn fejn il-Komunità Franġiskana setgħet tibda taqdi aħjar l-missjoni tagħha fost in-nies ta' Lockleys u l-Komunità Maltija. Mhux biss, imma kien ukoll

strumentali biex inġiebu hawn fostna wkoll is-Sorijiet Maltin Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li għadhom hawn magħna f'żewġ komunitajiet, li minn tmienja li huma, tlieta huma Għawdxin, nisthajlek tgħidli "faqqa subgħajk". U għaliex le? Kburi li għandi lilhom hawn fostna għax huma ta' tant għajnuna kbira u konfort għalija, kemm materjali u anke spiritwali.

Matul il-medda ta' dawn is-snin, ħafna kienu dawk il-Patrijiet Franġiskani *(ħmistax b'kollox)* li ġew jagħtu s-servizz tagħhom hawn ġewwa Lockleys b'riżq il-Maltin li hawn fis-*South Australia*, u forsi l-iktar maħbub u magħruf għaż-żelu tiegħu, huwa l-Għawdxi minn Nadur, P. Pietru Pawl Mejlaq, li fil-preżent jinsab irtirat fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, u li għalkemm għadu ħaj u mhuwiex ħlief għadma u ġilda, għad għandu għal qalbu l-Maltin tas-*South Australia*, u maġenb rasu għandu inkwadru tal-istatwa tal-Bambina, li kien bis-saħħa tiegħu li din saret u għadha hawn tindokrana. Il-ħidma tal-Patrijiet ma kienetx tista' tilħaq l-għan tagħha li kieku dawn ma ġewx megħjuna matul is-snin minn għadd ġmielu ta' voluntieri Maltin, li x'uħud minnhom għadhom hawn fostna. Kienu dawn, irġiel, nisa u żgħażagħ li mill-bidunett, flimkien mal-patrijiet, organiżżaw modi kif jgħinu lill-ewwel emigranti jistabilixxu rwieħhom u jsibulhom alloġġ u anke xogħol.

Kienu dawn l-istess nies li għenu u għadhom jgħinu lis-saċerdot Malti jorganizza funzjonijiet u attivitajiet kemm reliġjużi u anke soċjali u rikreattivi b'risq il-komunità, li b'xi mod jgħinuna nżommu ħajjin it-tradizzjonijiet u d-drawwiet nsara tagħna l-Maltin. Kienu dawn l-istess Maltin li kienu l-id il-leminija tal-Patri Malti li għenuh biex wasal isawwar u jibni dan il-kumpless ġo Lockleys li jagħmlilna unur: id-dar li, fil-bidu serviet ta' kunvent u kappella, tbierket mill-Isqof Boevich fil-31 ta' Lulju 1949; nħolqot il-Parroċċa fl-1952; il-knisja fl-1961 li proprju xahrejn ilu ċċelebrajna l-Ħamsin sena mill-Konsagrazzjoni tagħha fit-3 ta' Settembru 1961 – ddedikata lil dawk ħutna li tilfu ħajjithom fil-gwerra - (din oriġinarjament kienet ex-*army Nissen Hut*, li Patri Ferriggi kien akkwista mingħand l-*army*, peress li huwa kien ukoll *Chaplain* fl-*Army* Awstraljana); imbagħad l-iskola primarja *St. Francis School* fl-1966 – li fiha jitgħallmu madwar 450 tifel u tifla; s-sala parrokkjali fis-sena 1980; id-Dar *Hostel* għall-Anzjani - *St Raphael's Home* fl-1987 u d-Dar tas-Superjura Reġjonali tas-Sorijiet Franġiskani fl-1990, li qabel kienet ir-residenza (il-kunvent) tal-Patrijiet Franġiskani.

Minħabba nuqqas ta' patrijiet li kienu lesti joffru is-servizz tagħhom hawn fis-*South Australia*, l-Provinċja Franġiskana Maltija sabet ruħha daharha mal-ħajt u kontra qalbha kellha tfarfar minn fuq spallejha kull responsabilità li kellha hawn. Jien offrejt li nibqa' hawn nagħti s-servizz tiegħi bit-tama li nsalva s-sitwazzjoni u fis-26 ta' Lulju ta' 1996 ġejt hawn u uffiċjalment ġejt nominat mill-Arċisqof Leonard Faulkner, bħala l-Kappillan tal-Komunità Maltija. F'Novembru 1997 il-Provinċja biegħet l-art u d-dar li fiha konna noqgħodu u għaddiet it-tmexxija tal-Knisja u l-Parroċċa lill-arċidjoċesi. Jien offrejt li nibqa' hawn ħalli ngħin lill-arċidjoċesi u nieħdu ħsieb il-Komunità Maltija. B'xorti kbira, flimkien ma' Patri Edward Zammit, li mill-2003 jinsab fit-Tasmania, konna ddubbajna alloġġ f'dar mikrija lilna bla ħlas minngħand wieħed parruċċan Taljan. Minn sena ilu, jien issa qiegħed ngħix f'dar mikrija mill-Arċidjoċesi.

Issa li l-Komunità Maltija, u jien magħdud bħala wieħed minnhom, aktar ma jmur, aktar qed tixjieħ, qed tonqos minn numru, mill-forza u l-ħeġġa u qed titlob minni aktar attenzjoni. Is-superjuri tiegħi f'Malta fehmu sewwa dan u tawni permess, li sakemm saħħti tippermettili nibqa' hawn għal ċertu żmien ieħor, minħabba l-urġenza tal-qagħda attwali, ċioè minħabba l-fatt li l-Komunità Maltija fis-SA m'għandhiex saċerdot ieħor li jieħu ħsiebha. ……..

**N.B.** It-tieni parti ta' dan id-diskors, li sar minn P. Gabriel Micallef O.F.M., tidher fil-ħarġa li jmiss.

# Iż-żjara tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa f' artna

Bejn l-1 u l-4 ta' Diċembru kellna fostna l-Wisq Rev. P. Pierbattista Pizzaballa O.F.M., Kustodju tal-Art Imqaddsa. Huwa ġie Malta fuq stedina tal-Kummissarju ta' Malta - P. Twanny Chircop O.F.M. Kif kien xieraq ġie miegħu P. Noel Muscat O.F.M. li, fost ħidmiet oħra, huwa wieħed mid-Diskritti tal-Kustodja. P. Pierbattista ġie maħtur Kustodju f' Mejju 2004 u reġa ġie konfermat għal tlett snin oħra f' Mejju 2010.

Dak in-nhar li wasal, fis-7.15 pm., huwa ta *lecture* pubbliku fl-Universita ta' Malta, fil-*Lecture Theatre* 1 (LT1). Wara introduzzjoni minn P. Twanny, il-Kustodju tkellem dwar *The Franciscans in the Holy Land between past glories and future challenges in a multi-cultural society.* Għal din il-laqgħa, li saret bil-kollaborazzjoni tal-Fakulta tat-Teoloġija tal-istess Universita', attendew bosta patrijiet, sorijiet franġiskani u lajċi. Kien hemm ukoll ħin għall-mistoqsijiet.

Matul din iż-żjara, huwa għamel żjarat ta' kortesija lil E. T. Dr. G. Abela, President ta' Malta, lin-Nunzju Mons. T. Caputo, lill-Arċisqof ta' Malta Mons. P. Cremona O.P. u lill-Isqof t' Għawdex, Mons. M. Grech. Waqt li kien Għawdex, huwa żar wkoll il-fraternita t' hemmhekk u kiel mal-patrijiet.

Fit-2 ta' Diċembru huwa ltaqa' mal-patrijiet tal-Provinċja tagħna fil-kunvent tal-Belt, fejn tlabna t-talba tal-Għasar u wara saret ikla fraterna, offruta ġentilment mill-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa.

Nhar it-3 ta' Diċembru huwa kien iċ-ċelebrant prinċipali f' Quddiesa Konċelebrata, li saret għal bosta pellegrini li marru l-Art Imqaddsa, fil-Knisja ta' S. Franġisk, il-Belt u wara bierek il-wirja tal-presepji, mtella mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. Imbgħad huwa attenda għall-ikla li saret f' ġieħu fir-Razzett l-Antik, Ħal-Qormi. Mill-qliegħ ta' din l-ikla, intagħat għotja lil Missjoni Franġiskana fl-Art Imqaddsa.

Qabel it-tluq tiegħu minn Malta, huwa żar il-komunita tal-Klarissi f' S. Giljan.

Iż-żjara tal-Kustodju tikkonferma mhux biss il-bosta ħidmiet li qed jwettaq il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f' pajjiżna, imma wkoll l-apprezzament għal-fatt li bosta pellegrini Maltin u Għawdxin, ta' kull sena, qegħdin jmorru hemm. Ma' dan nistgħu nżiedu l-għotijiet ġeneruzi li jinġabru matul is-sena għall-ħidmiet spiritwali u soċjali, li l-patrijiet franġiskani qegħdin jwettqu f' dan il-"ħames vanġelu".





# AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Nhar id-29 ta' Novembru fil-knisja tagħna ta' Tas-Sliema, waqt Quddiesa Konċelebrata immexxija minn P. Martin Coleiro, Assistant Spiritwali Provinċjali tal-O.F.S., 26 għamlu l-vestizzjoni u 4 ġeddew il-professjoni. B' hekk issa għandna fraternita' oħra tal-O.F.S., li twieldet mill-ġdid. Barra mil-laqgħat li qed jkollhom, huma bdew jieħdu sehem mal-fraternita tagħna fit-talba ta' Tifħir ta' sbiħ il-jum kull nhar ta' Sibt.

Waqt il-laqgħa tad-Definitorju Provinċjali li saret nhar il-5 ta' Diċembru fid-Dar Bahia, il-Mellieħa, fost l-oħrajn il-Provinċjal tkellem dwar il-vizti fraterni li għamel fil-fraternitajiet ta' Baħar iċ-Ċagħaq, Rabat u Ħamrun. Aktar tard huwa żar il-fraternitajiet ta' Għawdex u l-Belt. P. Pawl Attard inħatar Ko-ordinatur Pastorali tal-Knisja S. Marija tal-Anġli.

Nhar it-8 ta' Diċembru fil-knisja tagħna ta' Tas-Sliema, waqt serata mużiko-letterarja, il-Provinċjal bierek il-pulptu tal-knisja, li reġa' tpoġġa fejn kien oriġinalment qabel ( i.e. fil-kursija). Dan sar l-aktar, għaliex fil-parti ta' wara tal-altar maġġur, irid jsir xogħol ta' restawr fil-kolonni u fil-bini, minħabba fl-ilma li kull darba qed jidħol minn wara l-knisja.

Fl-14 ta' Diċembru l-Provinċjal, flimkien ma' P. Alex Borg, mar il-Libja għal żjara fraterna taż-żewġ fraternitajiet—Tripli u Benghazi. Huwa kellu l-opportunita li jkellem, kemm lill-isqfijiet kif ukoll lill-patrijiet, b' mod individwali. Huwa jiltaqa' wkoll ma' xi komunitajiet tas-sorijiet. Huma wrew l-apprezzament tat-talb u dak kollu li baqgħet tagħmel il-provinċja tagħna magħhom (speċjalment fix-xhur ta' gwerra li kien hemm), kemm permezz ta' P. Marcello Ghirlando, id-delegat provinċjali - li mar jqatta l-Milied u l-Ewwel tas-Sena magħhom -, kif ukoll permezz tal-aħwa li jgħenuhom meta huma jgħaddu Malta, speċjalment il-fraternita' tal-Belt. Filwaqt li bgħatu jsellu għal kulħadd, tkun ħaġa tajba li nkomplu nitolbu għalihom. Wara dan, fid-19 tax-xahar il-Provinċjal żar l-aħwa li jinsabu Ruma.

Għal-festi tal-Milied, l-aħwa kollha wettqu bosta ħidmiet, kemm fil-knejjes tagħna kif ukoll fil-kunventi. Il-kunventi ġew imzejna kif kien xieraq għal din l-okkażjoni. Fil-knisja tagħna tal-Belt, fuq kull altar kien hemm presepju maħdum artistikament minn P. Raymond Falzon.

Fit-28 tax-xahar, ġewwa d-dar tagħna ta' Baħar iċ-Ċagħaq, saret Quddiesa Konċelebrata u wara saret laqgħa soċjali għall-patrijiet u l-familjari tagħhom.





## FESTI FRAR 2012 BIRTHDAYS

| FESTI | BIRTHDAYS |
|---|---|
| 07. P. Richard Grech Stanley | 07. P. Alfred Tabone |
| 10. P. Pawl Galea | 12. Fra Aaron Abdilla |
| P. Paul Attard | 14. Mons. S. Magro |
| | P. Joseph Ciappara |
| | 19. P. Arthur Azzopardi |
| | 27. P. Pawl Galea |



## F' DIN IL-ĦARĠA


Is-Santwarju ta' S. Damjan 2 - 3

It-tfulija ta' Klara 4

Sorijiet Klarissi Konċezjonisti 5

L-eku tal-laqgħa tat-talb f' Assisi 5 - 6

Ftit kurżitajiet tal-laqgħa t' Assisi 7

Indirizz ta' merħba 8 - 9

Żjara tal-Kustodju f' Malta 10

Aħbarijiet mill-Provinċja tagħna 11


## OFM - LINK


L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
hhtp://www.ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.